Nru./No. 18,391
Prezz/Price
€5.22

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2009
Tuesday, 17th March, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2429 - 2433
Government Notices ..... *2429 - 2433*

Avviżi tal-Pulizija 2433
Police Notices *2433*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2434 - 2478
Employment Opportunities ..... *2434 - 2478*

Avviżi tal-Gvern ..... 2479 - 2480
Notices ..... *2479 - 2480*

Offerti ..... 2480 - 2520
Tenders ..... *2480 - 2520*

Avviżi tal-Qorti ..... 2521 - 2536
Court Notices ..... *2521 - 2536*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 206

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,387 u 18,390 tal-10 u t-13 ta' Marzu 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 62 tal-2009: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni tal-2009 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Irlanda).

A.L. Nru. 63 tal-2009: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

A.L. Nru. 64 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' *Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons)* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. Nru. 65 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Arts* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

A.L. Nru. 66 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Science in Pharmacy* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

A.L. Nru. 67 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master in Translation* jew għall-Grad ta' *Master in Interpreting* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

A.L. Nru. 68 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2007 tal-Kors għall-*Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.*

A.L. Nru. 69 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1997 tal-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Laws - LL.D*.

A.L. Nru. 70 tal-2009: Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Regolamenti tal-2009 dwar il-Proċedura tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Riżorsi.

Is-17 ta' Marzu, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 206

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,387 and 18,390 of the 10th and the 13th March 2009 respectively.

L.N. No. 62 of 2009: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (Ireland) Order, 2009.

L.N. No. 63 of 2009: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); Public Contracts (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 64 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. No. 65 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts under the auspices of the Faculty of Arts.

L.N. No. 66 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Pharmacy under the auspices of the Faculty of Medicine and Surgery.

L.N. No. 67 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Translation or for the Degree of Master in Interpreting under the auspices of the Faculty of Arts.

L.N. No. 68 of 2009: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E. - Course (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 69 of 2009: Education Act (Cap. 327); The Doctor of Laws - LL.D. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 70 of 2009: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Resources Appeals Board (Procedure) Regulations, 2009.

17th March, 2009

Nru. 207

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fis-16 ta' Marzu, 2009, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-17 ta' Marzu, 2009

No. 207

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 16th March, 2009, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the function of President from the time of the President's arrival in Malta.

17th March, 2009

Nru. 208

KUMITAT TAL-ESPLOŻIVI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Kumitat tal-Esplożivi, nominat skont l-Artikolu 23 (1) tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33) ikun konstitwit kif ġej matul is-sena 2009.

Chairman
Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta jew ir-rappreżentant tiegħu

Membri
Il-Kumissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu
Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet jew ir-rappreżentant tiegħu

Is-17 ta' Marzu, 2009

No. 208

EXPLOSIVES COMMITTEE

IT is notified for general information that the President of Malta has been pleased to approve that the Explosives Committee, appointed in terms of Section 23 (1) of the Explosives Ordinance (Cap. 33) be constituted as follows during 2009.

Chairman
The Commander, Armed Forces of Malta or his representative

Members
The Commissioner of Police or his representative
The Director General (Works) or his representative

17th March, 2009

Nru. 209

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 209

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frank Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	23 - 27.3.2009

Is-17 ta' Marzu, 2009

17th March, 2009

Nru.

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No.

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	17–18.3.2009

Is-17 ta' Marzu, 2009

17th March, 2009

Nru. 211

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 211

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Emanuel Busuttil	569584 (M)	20, "Carmkate", Triq in-Nissieġ, Żabbar
Joseph Scerri	352358 (M)	"Miġbħa", Triq Jean Houel, Birguma, Naxxar
Noel Buttigieg	27775 (M)	"Galvestan", Triq Federico Garcia Lorca, Fgura
Magdalene Josephine Bugeja	327362 (M)	7, "Jonalis", Triq Ġużeppi Agius, Siġġiewi
Clifford Lautier	525285 (M)	46, "Taranaki", Triq Wied Għollieqa, Kappara, San Ġwann
Lon Joseph Cachia	350489 (M)	92, "Joan Antida", Triq il-Marloċċ, Żabbar
Jesmond Borg	320465 (M)	31, "Simone", Triq Mons. G. Depiro, Rabat
Emilio Calleja	406696 (M)	36, Triq l-Independenza, Għargħur
Rebecca Zammit	32288 (M)	188, "Davline", Flat 1, Triq Franġisku Buhagiar, Birkirkara
Luke Stanley	27496 (A)	5, Triq il-Biedja, Ħal Farruġ, Luqa

Roderick Farrugia	381086 (M)	1, Sqaq Għar il-Ġobon Numru 2, Birkirkara
Lenadro Piscopo	139284 (M)	Tudor Court, Flat 6, Triq Pietru Xuereb, Pietà
Doreen Coleiro	378165 (M)	29, "Splendeur", Triq Katerina Vitale, Santa Lucia
Matthew Portelli	485090 (M)	113, Triq Brighella, Santa Venera
Anthony Cauchi	85590 (M)	16A, "St. Michael's", Flat 6, Triq Tumas Cassar, Għarb, Għawdex
Anthony Ciantar	222090 (M)	2, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi
Joseph Galea	274252 (M)	Flats Independenza, Binja Għenieq, Flat 25,Triq l-Għenieq, Naxxar

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-17 ta' Marzu, 2009

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

17th March, 2009

Nru. 212

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 03. 09	€23.143	€0.353

Is-17 ta' Marzu, 2009

No. 212

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

17th March, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 16

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf illi skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt għandhom jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif muri hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf illi l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huma pprojbiti jew imdawra fit-toroq imsemmija hawn taht fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Il-Ġimgħa 3 ta' April 2009 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal 21 ta' Settembru, Ehnieq, il-Qoton u Vjal il-Labour.

Il-Ġimgħa 3 ta' April 2009 mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Il-Ħadd 12 ta' April 2009 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Il-Ħadd 26 ta' April 2009 mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

Il-vetturi misjuba li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Marzu, 2009

POLICE NOTICE

No. 16

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap.65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

Friday 3rd April 2009 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal 21 ta' Settembru, Ehnieq, il-Qoton and Vjal il-Labour.

Friday 10th April 2009 from 3.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

Sunday 12th April 2009 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

Sunday 26th April 2009 from 6.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, il-Labour, Vjal 21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

17th March, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant Obstetrician and Gynaecologist* b'Responsabbiltajiet Speċjali fil-*Labour Ward, Practice and Admissions* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Għall-fini ta' din l-applikazzjoni *Labour Ward* u *Delivery Suite* jinbidlu bejniethom.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Consultant Obstetrician and Gynaecologist* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-ħatra tkun skond il-provvedimenti tal-*collective agreement* bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4.1. Il-persuna nominata bħala *Consultant Obstetrician and Gynaecologist* b'responsabiltajiet speċjali fil-*Labour Ward, Practice and Admissions* tkun tifforma parti mid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija u taqa' taħt id-Direttur tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.2. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija u jkollha responsabbiltà fis-Swali, *Operating Theatres* u l-Kliniċi kollha tad-Dipartiment kif tkun imqabbda mid-Direttur tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel *ward rounds* fis-swali tal-maternità u tan-nisa u li tagħmel listi ta' operazzjonijiet kif ukoll kirurġija ta' emerġenza fil-każi tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Obstetrician and Gynaecologist with Special Responsibilities for Labour Ward, Practice and Admissions in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

For the purpose of this application Labour Ward and Delivery Suite are interchangeable.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the posts of Consultant Obstetrician and Gynaecologist in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Obstetrician and Gynaecologist will form part of the Department of Obstetrics and Gynaecology and will be directly accountable to the Director of Obstetrics and Gynaecology. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Obstetrics and Gynaecology and to participate in its teaching programme.

4.2. The appointee will perform duties in Obstetrics and Gynaecology and shall have responsibility in all the Wards, Operating Theatres and Clinics pertaining to the Department as designated by the Director of Obstetrics and Gynaecology.

4.3. The appointee will be required to carry out ward rounds in the maternity and female wards and to perform operation lists as well as emergency surgery in cases of Obstetrics and Gynaecology.

4.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fi proġetti kontinwi kif ikun indikat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni li tista' ssir fil-futur dwar is-servizzi tas-saħħa kif ipprovdut taħt Skema Nazzjonali.

4.6. Il-persuna nominata jkollha primarjament ir-responsabbiltà tal-prattiċi u dħul tal-pazjenti fil-*Labour Ward* u tkun responsabbli mill-ħtiġiet tal-pazjenti taħt id-direzzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.7. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.8. Il-persuna maħtura apparti mid-doveri ġenerali fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija, tkun indikata wkoll mid-Direttur tad-Dipartiment. Id-doveri jkunu jikkonsistu billi tgħin fit-tfassil tar-*rosters* u li jkopru l-*Labour Ward* u jipprovdu għajnuna u pariri fil-grad ta' Konsulent lill-istess *ward* u jgħinu fit-tkattir u ż-żamma mal-*protocols*. Il-persuna nominata għandha taċċerta li l-pazjenti li jiddaħħlu fil-*ward*, jingħataw trattament xieraq. Il-persuna nominata għandha tieħu sehem fi proġetti ta' riċerka u awditjar fl-ispeċjalità.

4.9. Il-persuna nominata għandha tattendi laqgħat regolari li jsiru fid-Dipartiment u tieħu sehem attiv fit-tagħlim kif ikun mitlub mid-Direttur tad-Dipartiment. Il-persuna nominata għandha tagħti sehemha mal-Konsulent tal-*Health Centre* u tassigura għajnuna neċessarja. Jista' jinqala' l-bżonn li l-persuna nominata tgħin fis-servizz tal-*Health Centre* b'doveri li jkunu assenjati mid-Direttur tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.10. Il-persuna nominata jista' jkollha l-bżonn li taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti eżistenti. Il-persuna nominata għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw il-pazjent taħt il-kura tagħha, ikun tal-ogħla livell possibbli.

4.11. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu u taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.12. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ

4.4. The appointee will be expected to participate in any ongoing projects as indicated by the Director of the Department of Obstetrics and Gynaecology.

4.5. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.6. The appointee will have a primary responsibility towards Labour Ward practice and admissions and will be responsible for the supervision and smooth running under the direction of the Director of the Department of Obstetrics and Gynaecology.

4.7. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.8. The duties of the appointee, apart from general duties in Obstetrics and Gynaecology will be indicated by the Director of the Department. The duties will consist in helping in the drawing up of rosters to cover Labour Ward and providing Consultant support, advice and intervention in Labour Ward Admissions and Practice and in developing and ensuring the adherence to protocols. The appointee is to ensure that admissions get the most appropriate investigations, management and treatment expeditiously. The appointee is also to engage in Research and Audit in the speciality.

4.9. The appointee will be expected to attend the regular meetings held in the department and contribute actively to teaching, as directed by the Director of the Department. The post holder will also liaise with the Health Centre Consultant (Obstetrics and Gynaecology) and ensure that they can give the Health Centres appropriate support. It might be necessary for the post holders to contribute services to the Health Centres with duties assigned by the Director of Obstetrics and Gynaecology.

4.10. The appointee may be required to share resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.11. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.12. The appointee will participate in undergraduate and

ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.13. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-Servizzi u verifika medika.

4.14. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) (i) Ikollhom:

(i) Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fl-*Obstetrics and Gynaecology* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fl-*Obstetrics and*

postgraduate teaching and training as required.

4.13. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

4.14. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

(i) Certificate of completion of training in Obstetrics and Gynaecology by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Obstetrics and Gynaecology Specialist

Gynaecology Specialist Register;

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-*Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;*

e) ikollhom sentejn esperjenza *full-time* bħala speċjalisti fl-*Obstetrics and Gynaecology*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fl-*Obstetrics and Gynaecology* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (ċ) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa il-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu kors ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), u tkun ikkupjata lill-KNPD.

Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;

e) have two years full time experience as a specialist in Obstetrics and Gynaecology;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Obstetrics and Gynaecology as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to NCPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3. Hija r-responsabiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis, id-9 ta' April 2009.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis, id-9 ta' April 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Marzu, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Ortopedija fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-post ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Ortopedija fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-post ta' *Higher Specialist Trainee* għandu salarju ta' €19,290 fis-sena li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €22,868 (Skala ta' Salarju 6).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

13. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 9 ta' April 2009.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Thursday, 9 ta' April 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

17th March, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Higher Specialist Trainee in the Department of Orthopaedics in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the post of Higher Specialist Trainee in the Department of Orthopaedics in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The post of Higher Specialist Trainee carries a salary of €19,290 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €22,868 (Salary Scale 6).

3.1. The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti *on call* skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty.* Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Ortopedija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' *Higher Specialist Trainee* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ speċjalizzat fid-Dipartiment tal-Ortopedija u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-Ortopedija. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji relevanti li jkunu determinati mill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Ortopedija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ tal-*Higher Specialist Trainee,* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Ortopedija.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Basic Specialist Trainee* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' ortopedija aktar komplikati u timmaniġjom u trid tiżviluppa l-ħiliet tagħha kliniċi. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

(a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għal-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-*inpatients* fl-isptar Mater Dei. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skont kif hi t'hoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

(b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skont kif meħtieġ;

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee forms part of the Department of Orthopaedics and is accountable to the Consultants and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department.

5.2. The post of Higher Specialist Trainee forms an integral part of the specialist training programme of the Department of Orthopaedics and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Orthopaedics. The appointee will be required to rotate within the various relevant specialities as determined by the Clinical Chairperson of Orthopaedics in a way which will take into account both the Higher Specialist Trainee's training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Orthopaedics.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Basic Specialist Trainee but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated Orthopaedic problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

(a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care at a level appropriate to the grade for in-patients at Mater Dei Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant;

(b) attending and undertaking ward rounds as required;

(ċ) attendenza għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ;

(d) arranġament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioners,* kif xieraq;

(e) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

(f) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

(g) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Basic Specialist Trainees* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u tal-istudenti tal-mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm,* skont kif ikun xieraq;

(h) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

(i) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

(j) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

(k) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-roster tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

(l) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli

15. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

16. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17. Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

18. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jintbagħu lis-Segretarju, Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, b'kopja mibgħuta lill-Kap tad-Dipartiment relatat mal-vakanza eżistenti. L-oġġezzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

19. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-European *Curriculum Vitae Format* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

15. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

16. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

17. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

18. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of the result.

19. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

20. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* iridu jintbagħtu lil-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' April, 2009.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' April, 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 21 225630).

22. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

23. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. It-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Victoria, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Marzu, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Kap ta' Skola biex iservi f'Għawdex fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand edukaturi eliġibbli li għandhom is-servizz u l-esperjenza meħtieġa fi skola liċenzjata għall-post ta' Kap ta' Skola biex iservi f'Għawdex fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provista ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizazzjoni u awtonomija.

20. Applications on the prescribed form, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 9th April, 2009.

21. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Thursday, 9th April, 2009. may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356 21 225630).

22. A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

23. Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

17th March, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Head of School in the Directorate for Educational Services to serve in Gozo

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from qualified, eligible educators with the requested experience in a licensed school for the post of Head of School in the Directorate for Educational Services (DES) to serve in Gozo.

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4. Il-post ta' Kap ta' Skola jagħmel parti mit-tim nazzjonali tal-edukazzjoni li jirrikjedi strateġija maniġerjali tal-ogħla livell.

5. Il-Funzjonijiet, rwoli u responsabbiltajiet ta' dan il-post jinkludu dan li ġej:

Għanijiet Ewlenin

Provediment ta' tmexxija professjonali u tiġi assigurata l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-kurrikulu minimu nazzjonali;

Assigurazzjoni tal-impenn sħiħ ta' skola sħiħa għall-filosofija kurrikulari, valuri u oġġettivi permezz ta' tim skolastiku effettiv, ta' kommunikazzjoni u ta' attitudni kollaborattiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Tmexxija 'l quddiem tal-edukazzjoni ħolistika ta' kull student fl-iskola;

Organizzazzjoni, maniġġjar u kontroll b'mod effiċjenti w effettiv tar-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola;

Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ u kollaborazzjoni ma' Kapijiet oħra b'mod li jiġi immassimizzat *n-networking* taħt it-tmexxija tal-Prinċipal tal-Kulleġġ u skont id-direzzjoni u l-linji gwida stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

Parteċipazzjoni fit-tifsil, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jagħmlu użu mill-fondi ta' UE għal sħubija ma' skejjel Ewropej.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Tissawwar, b'kollaborazzjoni mat-tim skolastiku l-għanijiet tal-iskola, l-objettivi u policies konformi mal-Att dwar l-Edukazzjoni, avviżi legali relatati, u d-direttivi u regolamenti tal-Awtoritajiet Edukattivi u li jitmexxa t-tim tal-iskola kif xieraq;

Bini ta' tim parteċipattiv u ta' proċess kolleġġjali li jwassal għat-tiswir u reviżjoni kontinwa tal-Pjan ta' Żvilupp ta' l-Iskola;

Jinbena u jinżamm mezz effettiv u miftuħ ta' kommunikazzjoni fi ħdan il-kommunità skolastika, ma' skejjel oħra fl-istess Kulleġġ, mal-Bord u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, mal-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u Standards Edukattivi (DKSE) u id-DSE kif ukoll il-komunità tal-lokal u aġenziji oħra esterni;

Jitmexxa l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet mal-kurrikulu u attivitajiet oħrajn

4. The post of Head of School belongs to the ranks of the national education team which implies the adoption of a top management mindset and approach.

5. The functions, roles and responsibilities of this post include the following:

Overall Purpose

To provide professional leadership and to ensure the implementation and the development of the National Curriculum Framework;

To secure whole-school commitment to the curricular philosophy, values and objectives through the effective school team building, communication and collaborative approach to decision-making;

To promote and further the holistic education of each student in the school;

To organise, manage and control efficiently and effectively the human, physical and financial resources of the school;

To participate in the meetings of the College Council of Heads and to collaborate with other Heads of School in a manner that maximises networking under the leadership of the College Principal and according to the direction and guidelines established by the competent authorities;

To participate in the design, formulation and implementation of projects that tap EU funding and establish partnerships with other schools in Europe.

Main Responsibilities

To formulate, in a collaborative manner with the school team the school aims, objectives and policies in conformity with the Education Act and related legal notices and the directives and regulations of the Education Authorities and to lead the school team accordingly;

To facilitate a participatory team building and collegial process leading to the formulation and on-going review of the School Development Plan;

To build and maintain an effective and open channel of communication within the school community, with other schools in the College, with the College Board and its administration, with officials of the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) and the DES, the local community and other external agencies;

To direct the planning, organisation and co-ordination of curricular and other related initiatives and activities

matul is-sena flimkien ma' doveri oħra konnessi mal-Kunsill tal-Iskola skont il-liġijiet li jkunu fis-seħħ;

Jinżamm aġġornat servizz ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam edukattiv u ta' tmexxija amministrattiva u ta' *management* u jitrawwam il-rwol ta' *mentor*;

Tiġi żgurata l-ordni u d-dixxiplina, tingħata l-għajnuna fis-soluzzjoni ta' konflitti, u titmexxa 'l quddiem ir-relazzjoni sana bejn l-istudenti, l-istaff u l-ġenituri/tuturi;

Tiġi żgurata l-implementazzjoni ta' proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina;

Tiġi żgurata li l-parteċipanti fin-networks jikkommunikaw bla formalità żejda iżda b'mod strutturat;

Tiġi żgurata li l-*policies* kollha jiġu fis-seħħ b'mod effettiv;

Tiġi żgurata is-sistema ta' kura effettiva pastorali għall-istudent;

Tiġi żgurata li t-Tim ta' Tmexxija jkun regolarment assenjat oqsma ta' ffukar għall-aħjar implementazzjoni tal-*policies* tal-iskola u l-pjan ta' żvilupp;

Issir superviżjoni tal-kwalità akkademika u pedagoġika tat-tagħlim.

Żvilupp Kurrikulari

Flimkien mat-Tim ta' Tmexxija u l-għalliema u b'konsultazzjoni mal-uffiċjali konċernati tad-DKSE u tad-DSE skond il-każ, jiġu deċiżi strateġiji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali li jinkludu strateġiji tat-tagħlim, l-użu ta' riżorsi u servizzi edukattivi, l-għażla ta' kotba, eċċ.;

Jinġiebu fis-seħħ mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jżommu *standards* għolja ta' tagħlim fl-iskejjel;

Jitmexxa 'l quddiem kurrikulu aktar għani permezz ta' attivitajiet organizzati sew ġewwa kif ukoll barra l-iskola;

Jiġi żgurat li l-kurrikulu jinkludi attivitajiet ħolistiċi ta' tagħlim li jħaddnu d-diversi talenti u modi ta' tagħlim, abbiltajiet u potenzjali tal-istudenti kollha fl-iskola, u li jagħmlu użu sew mir-riżorsi tal-komunità tal-lokal kif ukoll dawk ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

Jiġu mmotivati u ssapportjati kull kategorija ta' *staff* bil-għan li jitmexxew 'l quddiem l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inkluż żvilupp u promozzjoni fil-karriera.

throughout the year and performing duties connected with the School Council in accordance with current legislation;

To keep abreast with on-going professional development in educational and administrative leadership and management and nurture the role of mentors;

To ensure order and discipline, help to resolve conflicts, and promote healthy relationships between students, staff and parents/guardians;

To ensure the timely implementation of established disciplinary procedures;

To ensure that network participants can communicate in an informal but well-structured manner;

To ensure that all policies are being carried out effectively;

To ensure the maintenance of an effective pastoral care system for students;

To ensure that members of the Senior Management Team are regularly assigned focus areas for the better implementation of the school policies and development plan;

To supervise the academic and pedagogical quality of teaching and learning.

Curriculum Development

Together with the Senior Management Team and teachers and in consultation with the relevant personnel in the DQSE and DES, as appropriate, to determine strategies for the effective implementation of the National Curriculum, such as teaching and learning strategies, the use of educational resources and services, the selection of textbooks, etc;

To implement quality assurance mechanisms that maintain high standards of teaching and learning in the school;

To promote the enrichment of the curriculum through activities organised within and outside school;

To ensure that the curriculum includes holistic learning activities that take into account the diverse talents and learning modes, abilities and potential of all students in the school, and into the resources of the local community as well as those of national, European and international organisations;

To motivate and support all categories of staff with the objective of pursuing lifelong learning opportunities, including career development and progression.

Faċilitajiet għall-Istudent

Jiġi ffaċilitat provvediment effettiv tas-servizzi psiko-soċjali u ta' kura pastorali għall-istudent;

Tingħieb fis-seħħ referal *policy* effettiva u proċeduri għall-istudenti li jeħtieġu servizzi speċjalizzati;

Jiġu żviluppati u sostnuti proċeduri li jiffaċilitaw it-transizzjoni ta' l-istudent lejn u għal l-iskola;

Titmexxa 'l quddiem *policy* ta' skola inklussiva;

Jitrawwem ambjent ta' sigurtà fl-iskola;

Titmexxa 'l quddiem politika effettiva ta' parteċipazzjoni tal-istudent.

Personal Edukattiv

Jitrawwem u jissaħħaħ l-iżvilupp tat-tim professjonali tal-iskola li jwassal għall-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet, għal azzjoni sussegwenti f'waqtha u għall-faċilitazzjoni ta' eżerċizzji ta' awto-evalwazzjoni;

Tingħata l-opportunità lill-assistenti kapijiet f'diversi rwoli u xogħol ta' tmexxija; ikun hemm direzzjoni għall-induction ta' personal ġdid u jiġu xprunati, mwieżna, żviluppati, monitorjati, evalwati u jingħata mentoring lill-istaff sew professjonali u staff ieħor;

Tingħata gwida lill-proċessi tal-immaniġġjar, li jinkludu l-*Performance Management Programme*, sabiex ikunu żgurati l-kwalità u l-istandards akkademiċi u pedagoġiċi tat-tagħlim;

Isir mentoring u jkun immaniġġjat personal ieħor li jappartjeni lill-iskola sew fuq bażi permanenti kif ukoll temporanju sabiex ikun żgurat livell għoli ta' motivazzjoni u kwalità tas-servizz;

Tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi u inizjattivi tal-iskola.

Rabta bejn id-Dar, l-Iskola u l-Komunità

Jinħolqu u jitmexxew 'l quddiem kuntatti mal-komunità tal-lokal u l-organizzazzjonijiet tagħha;

Jitmexxa 'il quddiem l-involviment bikri tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv ta' uliedhom, filwaqt li tingħata direzzjoni ċara lill-istaff li tinkuraġġihom biex ifittxu modi effettivi sabiex ikattru l-involviment tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv tal-istudenti u fl-attivitajiet kurrikulari;

Student Matters

To facilitate the provision of effective psycho-social services and the effective delivery of pastoral care services for students;

To implement an effective referral policy and procedures for students requiring specialised services;

To develop and sustain procedures to facilitate the transition of students coming to and leaving school;

To promote an inclusive school policy;

To facilitate and nurture a safe school environment;

To promote an effective student participation policy.

Teaching Personnel

To nurture the development and maintenance of the professional school team leading to active participation in decision-making, and take timely follow-up action and facilitate school self-evaluation exercises;

To expose the Assistant Heads to the various roles and tasks of headship; directing the induction of new staff and motivating, supporting, developing, monitoring, acting as mentor, and appraising professional and non-professional staff;

To guide management processes, including Performance Management Programmes, to ensure academic and pedagogical quality assurance and standards of teaching and learning;

To manage and mentor other personnel attached to the school on a permanent or temporary basis in order to ensure a high level of motivation and of quality service,

Ensuring that the gender perspective is integrated in school programmes and initiatives.

Home-School-Community Links

To create and promote links with the local community and its organisations;

To encourage and foster early parental involvement in children's educational development; while providing staff with a clear direction, encouraging them to seek effective ways of enhancing parental involvement in students' educational development and curricular activities;

Il-ġenituri/tuturi jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal żvilupp personali filwaqt li jippromwovu l-involviment tagħhom fil-ħajja kommunitarja tal-iskola;

Il-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex isiru aktar konxji dwar ir-responsabiltajiet tagħhom lejn il-ġid u l-benesseri ta' wliedhom u jiġi żgurat li huma josservaw bis-sħiħ ir-regolamenti tal-iskola kif ukoll dawk relatati mal-puntwalità sew fil-bidu kif ukoll fit-tmiem tal-ġurnata tal-iskola.

Amministrazzjoni

Flimkien mal-Assistenti Kapijiet, isir eżerċizzju annwali tal-klassifikazzjoni tal-iskola fejn ikun żgurat il-preparazzjoni tat-*timetables*, l-assenjar ta' klassijiet, ta' suġġetti u ta' responsabbiltajiet lill-għalliema;

Ikun żgurat li d-doveri u x-xogħol ta' għalliema assenti jkun kopert u mqassam b'mod ekwu bejn l-għalliema kollha fl-iskola;

Ikun żgurat li l-istatistika tal-iskola kif ukoll ir-records tal-istudenti u l-istaff ikunu kompilati u jinżammu aġġornati;

Ikun żgurat il-provediment ta' żamma funzjonali tar-records u sistema ta' filing kif ukoll is-sottomissjoni f'waqtha ta' data u informazzjoni rikjesta minn entitajiet regolatorji, mill-Bord tal-Kulleġġ u entitajiet oħra awtorizzati;

B'kollaborazzjoni mal-aġenziji u uffiċjali konċernati, jiġi żgurat li l-bini, il-facilitajiet u tagħmir tal-iskola, kif ukoll l-indafa u t-tisbiħ tal-ambjent tal-iskola, ikunu miżmuma kif xieraq;

Bl-għajnuna tar-riżorsi umani disponibbli, jiġi żgurat li l-inventarji jkunu kkumpilati u miżmuma skond regolamenti preskritti u li jkun hemm maniġġjar effiċjenti ta' *stores*/ apparat, għamara u riżorsi materjali oħra;

Ikun żġurat li kotba, servizzi u ħtiġijiet tal-iskola jkunu ordnati fil-waqt;

Ikun żgurat trasport tal-iskola adekwat billi tingħata l-informazzjoni meħtieġa;

Ikun hemm parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skond il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola.

Finanzi

Bl-għajnuna ta' uffiċjali kompetenti tad-Direttorati u l-Kulleġġ jitħejjew l-estimi kapitali u rikorrenti tal-iskola fil-parametri u l-prioritajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti u l-Bord tal-Kulleġġ waqt li jingħata s-sehem fit-tħejjija tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin tal-Kulleġġ;

To encourage parents/guardians to engage in lifelong learning opportunities leading to personal development whilst promoting enhanced involvement in the school community life;

To encourage parents to increasingly become aware of their responsibilities towards their children's well-being and welfare and ensure that they strictly observe the school's rules and regulations, including those related to punctuality both at the beginning and at the end of the school day.

Administration

Together with the Assistant Head/s, carry out the annual school classification exercise and ensuring the preparation of timetables, assigning of classes, subjects and responsibilities to teachers;

To ensure that the duty of providing cover for absent teachers is shared equitably among all teachers in the school;

To ensure the compilation and upkeep of school statistics, as well as student and staff records;

To ensure the provision of a functional record keeping and filing system and the timely and correct submission of data and information requested by the regulatory bodies, the College Board and other authorised entities;

In collaboration with the relevant agencies and officials, to ensure the proper maintenance and servicing of the school building, facilities and equipment, as well as the cleanliness and the embellishment of the school environment;

With the assistance of available human resources, to ensure the compilation of an inventory according to prescribed regulations, as well as the efficient management of stores/apparatus, furniture and other material resources;

To ensure the timely requisition of utilities and textbooks;

To provide necessary information to ensure adequate school transport;

To take part in EU projects and other projects in accordance with SDP targets.

Finance

With the assistance of competent officials from the Directorates and College prepares the capital and recurrent school budget estimates within the parameters and priorities set by the competent authority and the College Board, whilst contributing to the preparation of the three-year College business plans;

Taħt id-direzzjoni u l-gwida tad–DSE ikun żgurat l-immaniġġjar effettiv u kontroll tal-fondi skond regolamenti finanzjari Governattivi stabbiliti u li jinżamm rekord tal-tranżazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita.

Eliġibbiltà

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministru tal-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) ikun il-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni korrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

a) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

c) ikunu Assisstenti Kapijiet ta' Skola, *Subject Co-ordinators* (Kapijiet tad-Dipartimenti) jew *School Counsellor*;

d) għandhom *warrant* ta' għalliem u mhux inqas minn erba' (4) snin skolastiċi servizz fil-grad ta' Assistent Kap ta' Skola, Subject Co-ordinators (Kapijiet tad-Dipartiment), u *School Counsellor* fi skola liċenzjata (ċertifikat dwar dan il-grad irid jiġi ppreżentat u jinkludi r-responsabbilitajiet, skala tas-salarju u proċess tar-reklutaġġ fil-grad. Il-formola GP 47 għal uffiċċjali pubbliċi hija biżżejjed);

e) għandhom *Post-Graduate Diploma in Educational Leadership, Administration and Management* jew kwalifika

Under the direction and guidance of the DES, to ensure the effective management and control of funds according to established Government financial regulations and the recording of all transactions according to established practice.

Eligibility

6. By the closing time and date of the call of applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be Assistant Head of School, Subject Co-ordinator (Head of Department) or School Counsellor;

d) be in possession of a teacher's warrant and have not less than four (4) scholastic years service in the grade of Assistant Head of School, Subject Co-ordinator (Head of Department), or School Counsellor in a licensed school (testimonials regarding this grade must be provided as to show responsibilities, scale of salary, process of recruitment into the grade. The GP 47 from public officers is sufficient testimonial);

e) be in possession of a Post-Graduate Diploma in educational leadership, administration and management,

komparabbli f'dawn l-oqsma maħruġa minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet edukattivi; ħlief li applikanti li għandhom id-*Diploma in Educational Administration and Management* maħruġa mill-Universita' ta' Malta huma kkunsidrati eliġibbli għal dan il-post.

f) ikollhom karattru tajjeb (l-applikanti li jkunu diġà jinsabu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); dawk li jkunu qegħdin japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn xi Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet u jiddikjaraw jekk qattx kellhom impjieg mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

Kundizzjonijiet

7. Il-post ta' Kap ta' Skola għandu is-salarju ta' €19,290 kull sena li jitla' b'żidiet ta' €596.33 kull sena għal massimu ta' €22,868 (Skala 6) flimkien mal-allowances applikabbli.

8. Sakemm mhux ordnat xort'oħra mill-Awtoritijiet tal-Edukazzjoni, Kap ta' Skola għandu jservi fl-iskola assenjata lilu/lilha għal ta' lanqas tliet snin skolastiċi. Fi tmiem dan il-perjodu tista' ssir applikazzjoni għal Kap fi skola b'popolazzjoni akbar li tikwalifika għall-*allowance* ogħla kif stipulat fil-Ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Unjon* rilevanti.

9. Il-ħatra f'dan il-grad ta' Kap ta' Skola li hija soġġetta għal perijodu ta' prova ta' sena, hija fuq bażi full-time u soġġetta għar-regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta in ġenerali u d-DSE in partikulari, u li tinvolvi l-possibbiltà ta' trasferiment skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Jekk min jiġi appuntat ma kienx/kinitx uffiċjal pubbliku fid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, kull '*progression*' possibli fis-Servizz Pubbliku Malti tkun limitata għall-postijiet u pozizzjonijiet fi ħdan is-settur Edukattiv.

10. Fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet huwa mistenni mill-applikant maħtur li jiżviluppa l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji sabiex jużaw b'mod effettiv it-teknoloġija tal-informazzjoni u kommunikazzjoni fix-xogħol ta' Kap ta' Skola.

Induction u Mentoring

11. Il-Kapijiet tal-Iskola jkunu mgħejjuna, imħeġġa u ggwidati permezz ta' proċess ta' induction u mentoring tul is-sena ta' prova u fi kwalunkwe żmien ieħor li l-awtorità konċernata jidhrilha xieraq. Il-parteċipazzjoni fil-proċess ta' induction jagħmel parti ntegrali mill-kundizzjonijiet tal-

or comparable qualification in these areas, issued by an institution of higher education recognised by the Education Authorities; provided that applicants in possession of the Diploma in Educational Administration and Management of the University of Malta shall be considered eligible to apply for this post.

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form - GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government service giving details).

Conditions

7. The salary for the posts of Head of School will be €19,290 per annum rising by annual increments of €596.33 per annum to a maximum of €22,868 (Salary Scale 6) and the applicable allowances.

8. Unless otherwise directed by the Education Authorities, Heads of School shall be required to serve in the assigned School for at least three complete scholastic years. Only at the end of this period s/he may apply for a posting of Head of School in a school with a population which qualifies for a higher allowance in terms of the relevant agreement between the Government and the pertinent Union.

9. The appointment to the grade of Head of School which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service. In the case of appointees who were not serving public officers on the closing date of the call for applications, any possible progression in the Malta Public Service will be limited to posts or positions within the Education Sector.

10. In the carrying out of their duties and functions, all Heads of School shall be expected to have or to develop the necessary knowledge, competences and skills to be literate in and to be able to make effective use of Information and Communication Technology, according to their post.

Induction and Mentoring

11. Heads of School shall be supported, encouraged and guided by a process of induction and mentoring during the period of probation and at any other time when superiors may deem necessary. Participation in an induction process shall be an integral condition of employment for all Heads

impieg ta' Kap ta' Skola. Il-proċess ta' induction jista' jsir barra l-ħin tax-xogħol u ġeneralment jinfirex matul is-sena ta' prova.

Impieg ta' Persuni b'Diżabilità

12. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu igawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

13. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkluduevidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

Proċedura tal-Applikazzjoni

14. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-iscanner huma aċċettabbli.

15. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

16. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Universita ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Centru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data

of School and such an induction programme may be held outside school hours. The induction process generally spans the probation year.

Employment of Persons with Disability

12. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

13. Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Directorate and copied to the NCPD.

Application procedure

14. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

15. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

16. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the

tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17. Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

18. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, il-Belt, b'kopja mibughta lil-Kap tad-Dipartiment relatat mal-vakanza esistenti. L-Oġġezzjonijiet ghandhom jintbaghtu lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

19. Il-formoli tal-applikazzjoni u L-European Curriculum Vitae Format jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

20. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-European Curriculum Vitae jridu jintbagħtu lil-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' April, 2009.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-fax, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar Ħamis, 9 ta' April, 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-fax huwa +356 21 225630).

required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

17. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

18. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of the result.

19. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

20. Applications on the prescribed form, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 9th April, 2009.

21. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Thursday, 9th April, 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356 21 225630).

22. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

23. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Sezzjoni tal-Customer Care, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Marzu, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ħatra ta' Uffiċjali Edukattivi Prinċipali fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-Uffiċjali Edukattivi Prinċipali (*PEO*) fi ħdan id-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DKSE huma stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jinsab fuq il-*website* www.education.gov.mt

3. Il-missjoni tad-DKSE huwa biex jirregola, jistabbilixxi, jgħasses u jassigura l-i*standards* u l-kwalità fil-programmi u servizzi edukattivi fil-livell obbligatorju tal-edukazzjoni pprovdut mill-iskejjel tal-istat u oħrajn mhux tal-istat.

4. Id-DKSE huwa mmexxi minn Direttur Ġenerali li, bl-assistenza ta' żewġ Diretturi u numru ta' Assistenti Diretturi, Uffiċjali Edukattivi Prinċipali u Uffiċjali Edukattivi, huwa responsabbli għall-funzjoni ta' dan id-Direttorat kif ipprovdut mil-liġi u li jinkludi wkoll it-tmexxija tal-kurrikulu u *e-learning*, it-teknologija tal-informazzjoni fl-edukazzjoni, l-iżvilupp professjonali, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-assessjar u l-eżamijiet.

5. Id-DKSE jipprovdi servizzi professjonali ta' sostenn, gwida, moniteraġġ, spezzjoni, evalwazzjoni u rappurtaġġ lill-Kulleġġi u skejjel dwar il-proċess tat-tagħlim tagħhom, dwar kif jitħaddmu l-kurrikulum, is-sillabi, il-pedagoġija, ir-riżorsi u l-assessjar inkluż l-eżamijiet; dwar l-implimentazzjoni ta' *standards* u programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u awditjar. L-Uffiċjali Edukattivi Prinċipali u l-Uffiċjali Edukattivi jkunu s-sinsla ta' dawn is-servizzi professjonali.

22. A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

23. Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

17th March, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Principal Education Officers in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the positions of Principal Education Officer in the Directorate for Quality and Standards in Education.

2. The functions of the DQSE are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by State and non-State schools.

4. The DQSE is led by a Director General who, with the assistance of two Directors and a number of Assistant Directors, Principal Education Officers and Education Officers, is responsible for the functions of this Directorate as provided for by the law, including curriculum management and e-learning, ICT in education, professional development, quality assurance and assessment and examinations.

5. The DQSE shall provide professional services of support, guidance, monitoring, inspection, evaluation and reporting to Colleges and schools on their process of teaching and learning; on the application of the curriculum, syllabi, pedagogy, resources and assessment, including examinations; and on the implementation of standards and quality assurance and auditing programmes. Education Officers and the Principal Education Officers shall be the backbone of such professional services.

6. Uffiċjali Edukattivi Prinċipali jwettqu xogħol assenjat lilhom mid-Direttur Ġenerali (DKSE). Flimkien mad-dmirijiet speċifikati hawn taħt, l-Uffiċjali Edukattivi Prinċipali jridu jwettqu d-doveri u l-obbligazzjonijiet li jappartjenu lill-Uffiċjali Edukattivi.

7. Jekk sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga, huma jiġu *detailed* mill-Prim Ministru biex jaqdu d-dmirijiet ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali fid-DKSE abbażi ta' *Performance Agreement* ta' tliet snin u jibqgħu jżommu l-grad sostantiv tagħhom matul il-perjodu tal-*performance agreement*. Waqt li jkunu *detailed* bħala Uffiċjal Edukattiv Prinċipali fid-DKSE, huma jkunu marbuta bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-Servizz li japplikaw għall-uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

8. Jekk sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-persuni magħżula ma jkunux uffiċjali pubbliċi fil-kariga, huma jiġu sostantivament maħtura 'Uffiċjali fi Grad 6' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u jiġu *detailed* mill-Prim Ministru biex jaqdu d-dmirijiet ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali fid-DKSE abbażi ta' *Performance Agreement* ta' tliet snin. Kull '*progression'* ta' dawn it-tali uffiċjali fis-Settur Pubbliku ta' Malta tkun limitata għall-postijiet jew pożizzjonijiet fis-Settur Edukattiv. Waqt li jkunu *detailed* bħala Uffiċjal Edukattiv Prinċipali fid-DKSE, huma jkunu marbuta bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-Servizz li japplikaw għall-uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

9. Jekk waqt il-perjodu tal-*performance agreement*, il-persuni magħżula jkunu maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, huma jkunu mistennija li jħallu d-doveri ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali fid-DKSE u jkunu trasferiti għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom.

10. Xogħol mhux sodisfaċenti matul il-perjodu tal-*performance agreement* iwassal għat-terminazzjoni tal-*Performance Agreement*.

11. Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra sostantiva fis-Sevrizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-*performance agreement* u jerġgħu lura għall-grad sostantiv tagħhom meta jiġi tterminat/jintemm il-*performance agreement*. Fil-każ ta' persuni li ma jkunux uffiċjali pubbliċi li għandhom ħatra fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħhom fid-DKSE kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat/jintemm il-*performance agreement*.

12. Uffiċjali pubbliċi fil-grad ta' Kap ta' Skola li jkunu magħżula, u li l-kuntratt tagħhom bħala Uffiċjal Edukattiv Prinċipali ma jkunx imġedded, u ma jkunx hemm vakanza fi skola immedjatament, ikomplu jaqdu d-doveri fil-kamp li jkun ġie allokat lilhom mid-Direttur

6. Principal Education Officers shall perform tasks assigned to them by the Director General DQSE. In addition to the duties specified below, Principal Education Officers shall carry out the duties and obligations pertaining to Education Officers.

7. If on the closing date of this call for applications, the selected candidates are serving public officers, they will be detailed by the Prime Minister for duty as Principal Education Officers at the DQSE on the basis of a three-year performance agreement and will retain their substantive grade during the currency of such agreement. During the period of their detailing as Principal Education Officer in the DQSE, they will be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers in the Malta Public Service.

8. If, on the closing date of this call for applications, the selected candidates are not serving public officers, they will be substantively appointed 'Officers in Grade 6' in the Malta Public Service and will be detailed by the Prime Minister for duty as Principal Education Officer at the DQSE on the basis of a three-year performance agreement. Any progression of such officers in the Malta Public Service will be limited to posts or positions in the Education sector. During the period of their detailing as Principal Education Officer in the DQSE, they will be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers in the Malta Public Service.

9. If, during the currency of the performance agreement, selected candidates are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, they will be expected to relinquish the duties of Principal Education Officer in the DQSE and be transferred to duties pertinent to their new grade.

10 Unsatisfactory performance during the period of the performance agreement will lead to the termination of the performance agreement.

11. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, they will retain their substantive grade during the contract period and will return to their substantive grade on termination/ expiry of the performance agreement. In the case of selected candidates who, are not serving Public Officers holding an appointment in the Malta Public Service, their employment with the DQSE as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination/expiry of the performance agreement.

12. Serving public officers in the grade of Head of School who are selected and whose contract as Principal Education Officer is not renewed and no vacancy in the Head of School position is immediately available, will carry on with their work in the field that had been allotted to them by the Director

Ġenerali (DKSE) hekk kif kienu trasferiti fid-Direttorat, sakemm tinħoloq vakanza fil-grad ta' Kap ta' Skola. Dawn l-uffiċjali jkollhom preċedenza biex jirritornaw fil-pożizzjoni ta' Kap ta' Skola fuq il-kandidati li jkunu qegħdin jistennew biex jilħqu Kapijiet ta' Skejjel.

13. Il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali ghandha salarju ta' €19,290 x 596.33 - €22,868 (Skala 6) flimkien ma *all inclusive allowance* ta' €3,028.19 fis-sena).

14. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali jinkludu:

a. Ir-responsabbiltà li tavviċina skejjel li jkunu se jiġu evalwati, skont id-direzzjoni tad-Direttur Ġenerali (DKSE);

b. Tmexxi t-tim ta' awdituri tal-iskejjel li jesegwixxi l-awditjar tal-iskejjel;

ċ. Tassigura li jkun kompilat rapport tal-evalwazzjoni;

d. Tibgħat rapport tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni lill-Kap ta' Skola konċernat/a għar-reazzjonijiet tiegħu/tagħha;

e. Tikkompila l-kontroreazzjonijiet tat-tim ta' awdituri li jkunu għamlu l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni għar-reazzjonijiet li jkunu sottomessi mill-Kap ta' Skola; u finalment

f. Tippreżenta r-rapport lid-Direttur Ġenerali (DKSE), flimkien mad-dokumentazzjoni kollha tal-proċess.

15. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali tkun intitolat biex tapplika għall-pożizzjoni ta' Assistent Direttur kemm-il darba hi ikollha mhux anqas minn erbgħa (4) snin servizz fil-grad ta' Uffiċjal Edukattiv u/jew Kap ta' Skola u/jew fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Edukattiv Prinċipali.

16. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministru tal-Affarijiet Barranin);

General (DQSE) on transferring over to the Directorate, until such time when the first vacancy in the position of Head of School arises. Such officers will have precedence in reverting to their post as Head of School over candidates on the waiting list for promotion to Head of School.

13. The position of Principal Education Officer attracts a salary of €19,290 x 596.33 – €22,868 (Scale 6), (plus an all-inclusinve allowance of approved allowance of €3,028.19 per annum).

14. The duties of Principal Education Officer in the DQSE include the following:

a. Responsibility for approaching schools that are to be audited, as directed by the Director General (DQSE);

b. Lead the school audit team that carries out the school audits;

c. Ensure that a report of the audit is compiled;

d. Forward the school audit report to the Head of School concerned for reactions;

e. Compile the school audit team's counter reactions to the reactions submitted by the Head of School; and finally

f. Present to the Director General (DQSE) the report together with the whole documentation of the process.

15. A Principal Education Officer will be entitled to apply for the position of Assistant Director, once the officer has at least four (4) years service in the grade of Education Officer and/or Head of School, and/or the position of Principal Education Officer.

16. By the closing time and date of the call of applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) ikun il-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġiżlazzjoni korrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu edukaturi li jkollhom mill-anqas tliet snin servizz fil-grad ta' Ufficjal Edukattiv u /jew Kap ta' Skola fi skola liċenzjata

d) ikollhom karattru tajjeb (l-applikanti li jkunu diġà jinsabu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); dawk li jkunu qegħdin japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn xi Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet u jiddikjaraw jekk qattx kellhom impjieg mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

17.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

18. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be educators with at least three years service in the Grade of Education Officers and/or Head of School

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form - GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police Authorities or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government service giving details).

17.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

17.2 Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Directorate and copied to the NCPD.

18. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

19. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

20. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

21. Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

22. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, b'kopja mibgħuta lill-Kap tad-Dipartiment relatat mal-vakanza eżistenti. L-oġġezzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

23. Applikanti li ma jkunux eliġibbli jiġu infurmati bil-posta.

24. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-*European Curriculum Vitae Format* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment

19. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

20. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

21. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to access their suitability for the post.

22. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

23. Applicants who are found to be ineligible will be informed by post.

24. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Directorate for

tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

25. L-applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-European Curriculum Vitae iridu jintbagħtu lil-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis 9 ta' April 2009.

26. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ħamis 9 ta' April 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand it-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-fax huwa +356 21 225630).

27.(a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. It-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Marzu, 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ
U *STANDARDS* FL-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni jilqa' applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet ta' Skejjel, Assistenti Kapijiet u Għalliema li rtiraw mis-servizz fi skejjel tal-Istat biex ikunu *Centre Supervisors* fl-iskejjel tal-Knisja u Privati waqt l-Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-*Junior Lyceum* li se jsir fl-4, 5, 6, 7 u 8 ta' Mejju 2009.

Titħallas rimunerazzjoni bir-rata ta' €23.29 kull sessjoni. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mingħand il-*Customer Care Unit*, mill-Uffiċċju tad-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat Għawdex minn nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu u jingħataw lura mimlijin kif meħtieġ sal-Ġimgħa, it-3 ta' April, 2009.

Is-17 ta' Marzu, 2009

Quality and Standards in Education, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

25. Applications on the prescribed form, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Unit, Directorate for Quality and Standards in Education, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 9th April 2009.

26. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon (Central European Time) of Thursday, 9th April 2009 will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Unit, Directorate for Quality and Standards in Education, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-21 225630).

27. (a) A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Unit, Directorate for Quality and Standards in Education, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

17th March, 2009

DIRECTORATE FOR QUALITY
AND STANDARDS IN EDUCATION

The Director General for Quality and Standards in Education invites applications from Education Officers, Heads of School, Assistant Heads and Teachers who have retired from service in State Schools to act as Centre Supervisors in Church and Private Schools during the forthcoming Junior Lyceum Entrance Examination into Form 1 which will be held on the 4th, 5th, 6th, 7th and 8th May 2009.

Remuneration is at the rate of €23.29 per session. Application forms may be collected from the Customer Care Unit, Education Directorates, Floriana or from the Education Office, Victoria Gozo as from Friday, 20th March, 2009 and returned duly filled in by Friday, 3rd April, 2009.

17th March, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġ jimla l-postijiet ta':

Lecturing Staff fl-Elettronika
(Permess tal-ETC 120/2008)

Applikanti għandu jkollhom:
Degree fl-A B.Eng.(Elec.)(Hons.).
Studenti fl-aħħar sena tal-istudji tagħhom li jwassslu għal degree fil-B.Eng.(Elec.)(Hons.) jiġu kunsidrati wkoll.

Technician (Elettriku u Elettronika)
(Permess tal-ETC 42/2009) (MPO 205/2005/3)
Applikanti għandu jkollhom:

Jew Diploma fl-Elettronika Industrijali tal-Fellenberg
Jew Diploma fl-Elettronika Industrijali tal-MCAST
Jew Diploma fl-Elettriku/Elettronika (City & Guilds)
u
Jkollhom Liċenza 'A' ta'Wireman.

Applikanti għandu jkollhom minimu ta' tliet (3) snin esperjenza fil-qasam relevanti. Tingħata preferenza lill-dawk li għandhom Journeyman's Certificate fil-qasam tal-Elettriku/Elettronika.

Il-kandidat magħżul jkun jaħdem fiċ-Ċentru tal-MCAST f'Għawdex.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu formola mimlija tal-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-23 ta' Marzu 2009 f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati: Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

MCAST Main Campus
It-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032
Tel: 2398 7100 *Fax:* 2398 7316
www.mcast.edu.mt

Is-17 ta' Marzu, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the posts of:

Lecturing Staff in Electronics
(ETC Permit 120/2008)

Applicants must be in possession of:
A B.Eng.(Elec.)(Hons.) degree.
Students in the final year of their studies leading to a B.Eng.(Elec.)(Hons.) degree will also be considered.

Technician (Electrical and Electronics)
(ETC Permit 42/2009) (MPO 205/2005/3)
Applicants must be in possession of:

Either a Fellenberg Diploma in Industrial Electronics
Or a MCAST Diploma in Industrial Electronics
Or a Diploma in Electrical/Electronics (City & Guilds)
and
Hold the Wireman's Licence 'A'.

Applicants must have a minimum of three (3) years experience in the relevant field. Preference will be given to those having a Journeyman's Certificate in the Electrical/Electronics field.

The selected candidate will be deployed at the MCAST Gozo Centre.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd March 2009, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

17th March, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġ jimla l-post ta' *Learning Support Assistants* (MPO 205/2005/2) (Permess tal-ETC Nru. 39/2009)

Il-kandidati li jintgħażlu jkunu impjegati fuq bażi *part-time* għal massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa skont l-esiġenzi tal-Kulleġġ.

Waqt li jwieġbu lid-Direttur tal-Informazzjoni u Servizz ta' Appoġġ għall-istudent, id-dmirijiet ta' *Part-time Learning Support Assistants* jinkludu, iżda ma jkunux limitati biex:

Jipprovdi għajnuna lil studenti b'diżabbiltajiet u diffikultajiet fit-tagħlim kif miftiehem fil-programmi tal-istudenti

Jgħinu lill-istudenti waqt l-*assessments* u eżamijiet skont l-arranġamenti u kriterji stabbiliti minn qabel

Jieħdu sehem fl-organizzazzjoni, ippjanar u monitoraġġ ta' Programmi Edukattivi Individwali

Jgħinu biex jagħtu modules lil studenti fuq kors ta' *Pathway to Independent Living*.

L-applikanti għnadu jkollhom:

Diploma fil-*Facilitating Inclusive Education* mill-Università ta' Malta

JEW

Ċertifikati relevanti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Applikanti b'tal-anqas żewġ (2) *'A' levels* ikunu kkunsidrati wkoll jekk numru ta' kandidati b'*Diploma* ma jkunx biżżejjed.

Jingħataw preferenza dawk l-applikanti b'tal-anqas tliet (3) snin esperjenza bħala *facilitators* fis-settur sekondarju/post sekondarju.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu formola mimlija tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-Kummissjoni ta' Xogħol u Taħriġ, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-23 ta' Marzu 2009.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati: Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Marzu, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the post of Learning Support Assistants (MPO 205/2005/2) (ETC Permit No. 39/2009)

The successful candidates will be employed on a part-time basis for a maximum of 20 hours a week according to the exigencies of the College.

Reporting to the Director of Information and Student Support Services, the duties of Part-time Learning Support Assistants will include, but will not be limited to:

Providing assistance to students with learning disabilities and difficulties as agreed in the students' programmes

Assisting students during assessments and examinations according to pre-established arrangements and criteria

Participating in the organization, planning and monitoring of Individual Education Programmes

Assisting in the delivery of modules to students on the Pathway to Independent Living course.

Applicants must be in possession of:

A Diploma in Facilitating Inclusive Education from the University of Malta

OR

Relevant certificates from the Education Department.

Applicants with a minimum of two (2) 'A' levels will also be considered if the number of candidates with a Diploma is not sufficient.

Applicants with a minimum of three (3) years experience as facilitators in the secondary/post-secondary sector will be given preference.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd March 2009.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

17th March, 2009

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Riżultati għall-Postijiet fid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà fi ħdan it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern) jgħarraf li r-riżultati għall-postijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u l-pubbliku jista' jarhom fuq in-*notice-board*, fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Perit u Inġinier Ċivili *Junior*
Perit u Inġinier Ċivili Anzjan (Esproprju)

Is-17 ta' Marzu, 2009

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND IVESTMENT

Result for the Posts at the Estate Management Department within the Government Property Division

The Director General (Government Property Division) notifies that the results for the under-mentioned post, have been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Junior Architect and Civil Engineer
Senior Architect and Civil Engineer (Expropriations)

17th March, 2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI (SAĦĦA)

Riżultati tal-Intervista għall-Post ta' *Principal Occupational Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-17 ta' Marzu, 2009

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY (HEALTH)

Results of Interview for the Post of *Principal Occupational Therapist* in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the abovementioned post may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

17th March, 2009

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2009*

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li t-*timetables* tal-Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2009* intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq 25982204 jew iċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex fuq 21558341 minnufih.

Is-17 ta' Marzu, 2009

EXAMINATIONS DEPARTMENT

London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2009 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the London Chamber of Commerce and Industry - Series 2 2009 Examinations have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana on 25982204 or the Examinations Centre, Victoria, Gozo on 21558341 immediately.

17th March, 2009

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tlieta, l-24 ta' Marzu 2009 fis-Sala tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku n-Naxxar fis-7.30 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjoni dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Naxxar.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu s-suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Is-17 ta' Marzu, 2009

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Tuesday, 24th March 2009 at the Local Council Hall within the Naxxar Civic Centre at 7.30 p.m.

All residents whose names appear in the last Naxxar Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion.

All participants may put forward their suggestions for the Council's consideration.

17th March, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf li l-bastimenti bil-mutur *Kondor, Princess Elisabeth* u *Hannibal* fil-Port tal-Belt Valletta; *Lady Davinia, Atlantic Ocean* u *Beautiful* fil-Port ta' Marsamxett, u *Isotta* fil-Port ta' Marsaxlokk ġew iddikjarati fdal ta' bastimenti nawfragati skont l-artikoli 339 *et seq* tal-Att dwar Bastimenti Merkantili. Il-bastimenti bil-mutur imsemmija se jitneħħew skont il-liġi.

Is-17 ta' Marzu, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that motor vessels *Kondor, Princess Elisabeth* and *Hannibal* in the Port of Valletta; *Lady Davinia*, *Atlantic Ocean* and *Beautiful* in the Port of Marsamxett, and *Isotta* in the Port of Marsaxlokk have been declared wrecks in terms of sections 339 et seq of the Merchant Shipping Act. The said motor vessels will be disposed of in terms of law.

17th March, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Marzu, 2009, għal:

CT 031/2009 - Nru ta' Ref. tal-Kuntratti, CT 2564/2008. Żvilupp ta' akwarju pubbliku u attrazzjoni marittima fil-Qawra - Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu. Irid jitħallas dritt ta' €1,000.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Public Works Concession Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-*Cohesion Policy* 2007-2013 - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(*Budget* Stmat: €7,500,000.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Jannar 2009.

CT 033/2009 - Nru ta' Ref. tal-Kuntratti, CT 2398/2008. Provvista ta' servizzi klerikali/*reception* fit-Taqsima tas-Saħħa

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th March, 2009, for:

CT 031/2009 - Contracts Ref No, CT 2564/2008. Development of a public aquarium and marine attraction in Qawra - Malta Tourism Authority. A fee of €1,000.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Public Works Concession Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget €7,500,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 26th January 2009.

CT 033/2009 - Contracts Ref. No, CT 2398/2008. Provision of clerical/reception services within the Health Division -

- Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-27 ta' Jannar 2009.

CT 034/2009 - Nru ta' Ref. tal-Kuntratti, CT 2399/2008. Provvista ta' servizzi ta' *care worker* fit-Taqsima tas-Saħħa - Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-27 ta' Jannar 2009.

CT 035/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2023/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni b'konnessjoni mal-Proġett ta' Żvilupp tax-Xatt tal-Qawra, ix-Xtajta tal-Qawra, il-Qawra - Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(Budget Stmat: €375,240.00 mingħajr V.A.T.).

CT 036/2009 - Nru ta' Ref. tal-Kuntratti, CT 2427/2008. Provvista ta' *fixed wing maritime patrol aircraft (MPA)* - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tkun iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm ta' Fondi Fruntieri Esterni 2009 Fondi MT.

(Budget Stmat: €9,696,497.20 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-28 ta' Jannar 2009.

CT/A/ 001/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2013/2008. Provvista ta' tagħmir mekkaniku u tal-elettriku għall-*Pumping Station* tar-Rinella – Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(Budget Stmat: €237,288.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Jannar 2009.

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-26 ta' Marzu, 2009, għal:

CT 037/2009 - Nru ta' Ref. tal-Kuntratti, CT 2765/2007. Kiri ta' karozzi għall-użu waqt l-*Employment Aid Programme* - Korporazzjoni għat-Taħriġ u l-Impjieg. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-

Health Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 27th January 2009.

CT 034/2009 - Contracts Ref. No, CT 2399/2008. Provision of care worker services within the Health Division - Health Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 27th January 2009.

CT 035/2009 - Contracts Ref No, CT 2023/2007. Construction works in connection with the Qawra Beach Upgrading Project, Qawra Shore, Qawra - Malta Tourism Authority. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget €375,240.00 excluding V.A.T.).

CT 036/2009 - Contracts Ref No, CT 2427/2008. Procurement of a fixed wing maritime patrol aircraft (MPA) - Armed Forces of Malta. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being financed by the European Union under the External Borders Fund 2009 Programme MT Funds.

(Estimated Budget €9,696,497.20 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 28th January 2009.

